# Sabiex nibqgħu niftakru...

## Anton Agius (1933-2005)

## President tal-Banda bejn l-2003 u l-2005



Toni, kif hekk dejjem konna sa minn tfulitu nsibuh u mlaqqam 'tal-Kule' jew aħjar 'tas-Sangristan', kien iben Franġisk Agius u Angela nee' Mejlak.

Franġisk Agius, sangristan kien missier ta' familja kbira u Toni kien it-tieni wieħed fost l-aħwa subien. Toni fi tfulitu ma tantx għex ħajja komda. Minkejja li missieru kien raġel nadif u bieżel bil-ħlas ta' dak iż-żmien ta' sangristan u bid-daqq tal-orgni biss u b'familja hekk numeruża nistgħu nissupponu kif kienu jgħixu minkejja li l-ħajja kienet irħisa.

Bħal tant familji oħra l-familja Agius kient familja eżemplari u fl-istess ħin ħawtiela. Franġisk missieru barra x-xogħol ta' sangristan kien isewwi xi siġġu, u jdawwar xi nkwadru. Uliedu bniet kont tarahom jaħdmu l-ganċ. Toni sa minn ċkunitu kien ħawtiel u konna narawh daqqa jaħdem ta' barbier ma' Mabbli Cauchi, daqqa ma' ta' Caruana fix-Xatt isewwi xi dgħajsa ecc.

Kif naraw mill-mudelli tal-knejjes li Toni għamel, maħduma hekk preċiżi bl-injam u mhux issigati tat-triplajn u mfassla fuq tant ritratti li kien iżomm ħdejh u b'għodda tant fini, li xi drabi kien joħloq hu stess, qanqal l-ammirazzjoni ankè tal-mibki ex-President tar-Repubblika Gwido de Marco u ta' tant oħrajn. L-istess dehra li ta lit-terrazzin quddiem il-kumpless tal-Każin tal-Banda San Ġużepp tixhed l-intelliġenza tiegħu. Kien bniedem li jara b'għajnejh kien żgur kapaċi jagħmlu b'idejh.

Wieħed li kien jiffrekwenta l-garaxx tiegħu, kien jinnota tant oġġetti maħduma minnu u tant ċertifikati mwaħħla mal-ħitan, ċertifikati li kienu jqanqlu kurżità dwar il-passat ta' dan il-bniedem Għajnselmiż. Iżda hekk kif Għajnsielem kien beda jiskopri aktar dwar dan il-karattru umli u ġentlom u hekk kif il-Banda San Ġużepp bdiet tgawdi mit-talenti tiegħu, Toni ġie maħkum minn marda terminali li hu aċċetta bl-ikbar rassenjazzjoni. Għaldaqstant, il-passat ta' Toni għadu għalina xi ftit misterjuż, għajr għal ftit informazzjoni magħrufa mill-ħbieb tiegħu li għadhom mimlija bl-għomor.

B'xorti tajba Fr. Joe Cardona, kien għadda lill-mibki Dun Karm Cassar, faxxiklu min-Nadur tal-fuljett 'Il-Luminarja' fejn kien hemm intervista qasira li kien għamel Toni Agius lill-Kan.Ġużeppi Cauchi. F'din l-intervista, Toni jispjega –



*"meta kont l-Amerika jien kont impjegat mal-Board of Education City of New York' għal sittax-il sena sħaħ. Kont ukoll fil-'N.Y. Custodian Engineer u attendejt ukoll skejjel ta' engineering. Sakemm ħdimt l-ewwel mudell, jiġifieri dak tal-knisja ta' Għajnsielem, (kompla Toni) ħadt ċerta esperjenza. Kif taf inti meta ġejt id-dar tiegħi rajt diversi oġġetti maħdumin minni, dawn kollha għenuni biex nidħol għal din il-biċċa xogħol li kienet irnexxietli ħafna"*

Anton Agius daħal għal diversi wirjiet u rebaħ diversi trofej. Hu għamel ukoll xbieha tal-inkwadru tal-Madonna ta' Pinu maħdum bl-anġli b'kollox minn xi kompożizzjoni li vvinta hu stess li għadha tidher ġol-ħġieġ fil-faċċata tad-dar tiegħu fi Triq Bengħażi.

It-telfa ta' Toni Agius lura f' April 2005, kienet telfa għal Għawdex, Għajnsielem iżda fuq kollox għall-Banda San Ġużepp, li tagħha huwa kien il-President. Il-Banda sfat iltiema u mċaħħda mit-talenti rikonoxxuti ta' Toni u minn tant proġetti li kellu f'moħħu. Kif kien mitlub, il-Banda San Ġużepp kienet akkumpanjat il-korteo funebri u sellmet lill-President tagħha għall-aħħar darba.



Xieraq inġibu t-tislima li kienet kitbet Karmena Attard min-Nadur fl-okkażjoni tal-funeral tiegħu:

*Toni ħallejtna hekk malajr*
*Kont int għadek attiv fostna*
*Il-Mulej ried isejjaħlek*
*Ilqa' din it-tislima tagħna.*

*Martek Ċensa u tlett uliedek*
*Charlie mill-bogħod fl-Awstralja*
*Frankie u John qegħdin l-Amerika*
*Għal qalbek kienet il-familja.*

*Sengħa kellek tant sabiħa*
*Tal-knejjes tagħmel il-mudelli*
*Tan-Nadur t'Għajnsielem u Ta' Pinu*
*B'għożża fostna dawn ser tħalli*

*President int kont tal-Banda*
*Tħobb ħafna lil Ta' Loretu*
*Nannu ta' Zachary, Samuel, Matthew u Julia*
*Bil-qalb tislima lilek jagħtu*

Għalkemm għadda iż-żmien mit-telfa ta' dan il-President tal-Banda, il-preżenza ta' Toni Agius kienet għadha tinħass sew fil-Każin tal-Banda, permezz tal-mudell tal-Knisja Arċipretali li hu kien irregala lill-Każin, lejn l-aħħar tas-snin disgħin. Kienu ħafna dawk li baqgħu imsaħħra b'din l-opra tal-arti. Dawn jinkludu l-ex Presidenti tar-Repubblika Gwido De Marco, Eddie Fenech Adami u Marie Louise Coleiro Preca, il-Prim Ministru Joseph Muscat, l-ex Kap tal-Oppożizzjoni Simon Busuttil, diversi Ministri, Segretarji Parlamentari u Deputati miż-żewġ naħat tal-Kamra u personaġġi distinti. Niftakru b'għożża l-kliem sabiħ li kien għadda Monsinjur Giovanni Tonucci, Arċisqof u Delegat Pontifiċju ta' Loreto, huwa u jammira dan il-mudell waqt żjara li għamel fil-każin fil-festa tal-2014.

Dan l-aħħar, minħabba diversi xogħolijiet li saru fil-każin, b'mod partikolari fis-Sala tal-Kumitati fejn oriġinarjament kien qed jinżamm dan il-mudell, naqas l-ispazju fejn din l-opra tkun esebita b'mod xieraq. Sadanittant il-Parroċċa bdiet taħdem fuq il-progett tal-orgni u t-tkabbir tas-sangristiji. Għaldaqstant, l-Kumitat ħaseb li jirregala din l-opra lill-Parroċċa, sabiex tibqa' għall-wiri tal-pubbliku fil-knisja arċipretali tagħna. L-Arċipriet Dun Frankie Bajada laqa' s-suġġeriment tad-Direttur tal-Każin Pawlu Azzopardi u dan il-mudell ġie trasferit għall-Knisja u llum jinsab għall-wiri ħdejn l-artal tal-Madonna ta' Loreto (in-naħa ta' fejn jintrama l-Artal tar-Repożizzjoni). B'hekk illum il-Knisja Arċipretali tagħna tingħaqad ma' diversi knejjes u bażiliċi fl-Ewropa li jesponu mudelli tal-istess knejjes għall-wiri tal-viżitaturi.

